# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sebgħa (7) ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 639/2024 FDP**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru **823/2024** fl-ismijiet:

**Jean Paul Attard (K.I. 268882M)**
**u**
**Maria Attard (K.I. 19587M)**

Vs

**Anthony Cuschieri (K.I. 564149M)**
**u**
**Joan Mary sive Jane Cuschieri (K.I. 565953M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta' Ġunju 2017, li permezz tiegħu r-rikorrenti Anthony u Joan Mary Cuschieri talbu s-segwenti:

   *(1) Tħassar u tirrevoka limitatament il-mandat kawtelatorju numru 823/2024 fl-ismijiet Jean Paul Attard u Maria Attard vs Anthony Cuschieri u Joan Mary sive Jane Cuschieri fil-konfront tas-sekwestratarji kollha u dan a tenur Artikolu 836(1)(d) stante illi ll-ammont mitlub mis-sekwestranti ma huwiex prima facie ġustifikat u huwa wieħed għal kollox eċċessiv u dana minħabba l-fatt il-valur tal-bejgħ tal-għalqa kien ta' sittax-il Ewro (€16,000) u l-allegat ksur tal-godiment tal-paċifiku pussess seħħ minn terzi persuni u li għalihom ma jaħtux is-sekwestrati;*

   *(2) Tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew danni bil-ħruġ tal-mandat kawtelatorju de quo;*

(3) *Tiddikjara illi t-talba tal-intimati sekwestranti saret b'malizzja u li hija frivola u vessatorja u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkundanna lill-istess intimati sekwestranti iħallsu penali lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Rat illi fid-19 ta' Lulju 2014 ir-rikors ġie appuntat għat-trattazzjoni għad-9 ta' Ottubru 2024 fl-10.30.

3. Rat illi fit-8 ta' Awissu 2024, l-intimati Jean Paul u Maria Attard laqgħu għal dak mitlub billi oġġezzjonaw għal dak miltub fejn saħqu illi l-ammont kkawtelat kien prima facie ġustifikat, peress illi d-danni minnhom pretiżi ma jirrigwardax biss il-valur tal-art meritu tal-proċeduri prinċipali, iżda jinkludu wkoll danni riżultat tal-fatt illi huma għamlu tpartit ta' parti mill-art meritu tal-proċeduri prinċipali lill-terzi, li dan ser jwassal għal danni ulterjuri, kif ukoll illi l-valur tal-art oriġinalment akkwistat teċċedi l-valur stmat mir-rikorrenti odjerni.

4. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti Cuschieri, ossija:

    a. Kuntratt ta' akkwist datat 8 ta' Novembru 2021. (fol 5)
    b. Affidavit ta' Anthony Cuschieri. (fol 8)
    c. Affidavit ta' Joan Mary Cuschieri. (fol 9)

5. Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 823/2024 annessi mal-proċeduri odjerni. (fol 10 sa 44)

6. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-intimati Attard, ossija:

    a. Kuntratt ta' akkwist datat 8 ta' Novembru 2021, ġia eżebit mir-rikorrenti. (fol 55)
    b. Ittra Legali tas-soċjeta' Touchstone Properties Limited datata 6 ta' Diċembru 2023. (fol 59)
    c. Vaulation Report tal-Perit Anne Polidano datat 2 ta' Novembru 2023. (fol 60)

7. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fid-9 ta' Ottubru 2024.

8. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata waqt it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

9. Jirriżulta illi, fil-present l-intimati odjerni, Jean Paul Attard et, intavolaw proċeduri kontra r-rikorrenti odjerni, Rikors Ġuramentat Nru 535/2024, li qed jinstema' quddiem dina l-Qorti, kif komposta, fejn l-intimati odjerni, bħala rikorrenti qed jitolbu l-ħlas ta' danni li sofrew riżultat ta' ksur tal-garanzija tal-paċifiku pussess da' parte ta' l-intimati, rikorrenti fil-proċeduri odjerni.

10. Jirriżulta illi, kemm fil-proċeduri odjerni, kif ukoll fil-kawża fuq imsemmija, illi tagħha kopja ġiet hawnhekk annessa, ġie ppreżentat rapport tal-perit Anne Polidano illi jistma l-propjeta' meritu tal-kawża fl-ammont ta' €59,000.

11. Jiġi osservat, kif sewwa qalet il-Qorti fil-proċeduri fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd** deċiż mill-Prim' Awla fit-28 ta' April 2015, f'proċeduri ta' dina n-natura,:

*"... il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie.*

*Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Gové et**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:*

*"mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' **prima facie** (*sottolinjar ta' dina l-Qorti*) u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

12. L-istess ġie rilevat fil-proċeduri **Gaetano Abdilla et vs Bianco Charles et,** fejn intqal is-segwenti:

*"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide Vincent Mercieca vs George Galea, 29 ta' Novembru, 2011, u Technobroadcast srl vs Mediterrenean Broadcasting Limited, tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

13. Jidher ċar illi l-bażi tat-talba odjerna tar-rikorrenti odjerni konjuġi Cuschieri hija l-valur tal-kuntratt ta' akkwist tal-art, li jammonta għal €16,000, liema valur, madanakollu, ma jistax jitqies bħala neċessarjament indikattiv tal-valur tas-suq, tant illi, b'dokument ippreżentat mir-rikorrenti odjerni stess, jidher illi l-Awtoritajiet tat-Taxxa stmaw l-art fl-ammont ta' €19,000, fatt illi jindika li, minkejja li ma hemmx daqstant varjazzjoni fil-prezz, ċertament il-valur tal-kuntratt ma jistax jitqies bħala indikattiv għal fini ta' danni.

14. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati odjerni ressqu rapport ta' Perit, illi jistabilixxi valur tal-art fuq is-suq, liema valur ġie stabbilit fl-ammont ta' €59,000, fatt li, minnu inniffsu, jindika biċ-ċar illi l-ammont indikat mill-intimati fil-Mandat ta' Sekwestru li, r-rikorrenti odjerni qed jippruvaw jirrevokaw, huwa bbażat fuq valutazzjoni stabbilita, u mhux unikament fuq pretenzjoni fl-arja.

15. Jirriżulta, għalhekk, illi t-talba tar-rikorrenti għat-tħassir tal-Mandat kif ukoll għall-ħlas ta' penali ma tistax tiġi akkolta favorevolment minn dina l-Qorti.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti u d-dokumentazzjoni esebita; u

Wara illi semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talba rikorrenti kif dedotta.

**Spejjeż** a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**